# ABRAHAM SCHEMBRI:
# l-Imgħallem tal-Knisja San Ġużepp Ħaddiem

minn George J. Vella

Qegħdin niċċelebraw il-25 aniniversarju tal- parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem ġewwa Birkirkara. Imma kif wieħed jisma' b'din il-knisja, ħsiebu mal-ewwel imur lejn l-imgħallem tal-knisja.

L-imgħallem li mexxa l-bini tal-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp Ħaddiem ma hux ħlief Abraham Schembri.

Abraham twieled fl-10 ta' Novembru,1922, u żżewweġ lill-Antonia Calleja u għandhom żewġ bniet u tifel.

Ta' 14-il sena beda jaħdem fl-industrija tal-bini u fost ix-xogħlijiet li huwa mkabbar li għamel huma fil-knisja tal-Madonna tal-Ħerba (B'Kara), fil-Knisja l-qadima ta' l-Assunzjoni ġewwa B'Kara wkoll, il-frontispiżju ta' fuq il-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk u ma għandniex xi ngħidu l-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp Ħaddiem, ġewwa Birkirkara wkoll.

Kien fi żmien il-Prepostu Emm. Vella, li nħass il-bżonn li tinbena knisja fl-inħawi tal-Bwieraq u l-ħarsa waqgħet fuq biċċa art fi Triq Francesco Saverio Caruana dak iż-żmien Trejqet Anġlu Mallia. Bħalissa fuq dan is-sit hemm mibnija żewġ garaxxijiet



Abraham Schembri - L-imgħallem



Żaren Schembri - Il-bennej

kbar.

Madankollu, l-art magħżula fi Triq Francesco Saverio Caruana, dehret xi ftit żgħira, imma l-providenza qalgħet benefattur fil-persuna ta' Ġuże` Zerafa (tal-Galletti), li xtara biċċa art mingħand Ninu Falzon (taż-Żebbiegħ) ġewwa Triq Bwieraq u taqsam għal Triq Francesco Saverio Caruana. Dan huwa s-sit ta' fejn hija mibnija l-knisja l-lum.

Ix-xogħol fuq dan is-sit beda fil-5 ta' April, 1965, fi żmien il-Prepostu Ignazio Sciberras Psaila. Il-kapitlu qabbad lid-Ditta ta' Arkitetti Mortimer & Degiorgio biex jieħdu ħsieb dan il-bini tal-knisja li saret fuq pjanta magħmula minn Victor Anastasi li kien jaħdem ma' dawn l-istess arkitetti.

Ta' min ikun jaf, illi waqt li l-imgħallem kien Abraham Schembri, il-bennej kien ħuh Żaren, li għadu mimli bil-ħajja bl-eta` ta' 83 sena.

L-ewwel ġebla tqiegħdet fil-11 ta' Settembru, 1965, mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi u fis-26 ta' Mejju, 1973 għamilha parroċċa.

Kienet ix-xewqa ta' Ġuże` Zerafa li l-knisja tkun taħt il-patroċinju ta' San Ġużepp u meta ġew biex jingħata l-isem, l-imgħallem Abraham Schembri, issuġġerixxa li ma' *San Ġużepp* għandu jiżdied it-titlu *Ħaddiem* għal *San Ġużepp Ħaddiem.*

Bid-dritt kollu l-parruċċani ta' din il-parroċċa qegħdin jiċċelebraw fost briju kif imiss il-25 anniversarju minn meta din il-knisja bdiet tiffunzjona.

---

***Ħjiel dwar Ġuże` Zerafa qiegħed jidher f'paġna 5***

**BIG BEN**

**HOME DECORATING CENTRE**
**Specialising in:**
**Curtains made to measure, fitted carpets, bedding & furniture.**

Big Ben
Home Decorating Centre
Naxxar Road, B'Kara BKR 07
Tel: (00356)447347 - 482732/3
Fax: (00356) 492849

Big Ben
Carpet Centre
Valley Road, Msida
Tel: 48 38 48